**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

---

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 64** – L-Erbgha 20 ta' Marzu fl-4:00pm.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu fl-4:00pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

## 64.1 Talba

64.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

64.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

## 64.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

64.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 64.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

64.4.1 Is-Sindku nnota b'sodisfazzjon is-suċċess miksub mill-attivita' tas-St Patrick's 2024 li għaliha kien hemm attendenza numeruża u ntlaqgħet tajjeb ħafna.

64.4.2 Is-Sindku stqarr li sodisfazzjon kbir ieħor kienet l-inawgurazzjoni tal-librerija u Ċentru Marittimu fil-15 ta' Marzu u kellna rispons qawwi u ħafna tifħir matul l-Open Day li saret l-għada s-Sibt 16 ta Marzu 2024.

64.4.3 Referenza saret ukoll għall-attivita' tal-Weekend break f'Malta fejn dawk kollha li pparteċipaw ħadu ħafna pjaċir. Is-Sindku spjega kif il- grupp ta' 80 kellhom jumejn mimlija ħarġietu attivitajiet kulturali u anke l-lukanda u l-ikel kienu ta' livell għoli.

64.4.4 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mas-CEO ta' Dar San Ġużepp. Huwa faħħar dan il-proġett li huwa tant ta' benefiċċju fil-lokal tagħna. Huwa spjega kif aktar 'l quddiem ser jistiednu lill-Kunsill kollu u anke dwar il-possibilita' li norganizzaw żjara u ħarġa għall-anzjani tagħna f'dan il-post.

64.4.5 Is-Sindku fakkar ukoll fl-attivita' tal-Karozzi Antiki f'Ghajnsielem li ser tigi organizzata nhar il-Hadd 14 t'April 2024.

64.4.6 IIs-Sindku semma l-possibilta li nidħlu fil-proġetti tal-Interreg Italia - Malta AMPPA 2 jekk il-partners Sqallin jilħqu jissotomettu l-applikazzjoni. Hemm possibilta ukoll li nidħlu fin-Networks of Towns. Il-Kunsill qabel li m'għandiex nitilfu opportunitajiet ta' fondi speċjalment tal-EU.

**64.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

64.5.1 Il-Kunsillier Larry Buttigieg esprima s-sodisfazzjon tieghu ghas-success kbir miksub fit-tieni edizzjoni tas-St. Patrick's f'Għajnsielem.

**64.6 Korrispondenza**

Ma kienx hemm korrispondenza x'tiġi diskussa.

**64.7 Update dwar il-progetti u dati tal-inawgurazzjoni ta' aktar proġetti**

64.7.1 **Inawgurazzjoni Triq Qigħan** Għall-inawgurazzjoni tal-proġett tal-Belveder tal-Qigħan il-Kunsill ingħata il-ġurnata tal-inawgurazzjoni, dik tal-Erbgħa, 10 t'April fl-10.00am. Il-ftuħ se jsir mill-Ministru tal-Intern, Sigurta Byron Camilleri u Ministru għal Għawdex u Pjanar Clint Camilleri flimkien mal-President Reġjun Għawdex Samuel Azzopardi. Billi se jkun diffiċli li jkollna attendenza tajba mill-pubbliku billi hija ġurnata tax-xogħol, is-Sindku propona li ssir attivita il-weekend ta' wara għar-residenti ta' dawn l-inħawu u l-pubbliku t'Għajnsielem, b'Festa Familja b'attrazzjonijiet għat-tfal u għal kulħadd. Il-Kunsill qabel ma' dan.

64.7.2 **Inawgurazzjoni Pjazza Tolfa -** Għall-inawgurazzjoni ta' Pjazza Tolfa l-pjan hu li tiġi inawgurata fil-25 ta' Mejju għaliex baqa xogħol pendenti xi jsir.

**64.7.3 Proġett – Triq Hamri -** Is-Sindku spjega li saret it-talba lill-Ministeru għal Ghawdex rigward ħtieġa ta' estenzjoni ta' tarmac u għadna nistennew l-eżitu

tagħha. Ix-xogħol tat-tqaxxir u l-għoti tat-tarmac huwa mistenni li jinbeda fil-jiem li ġejjin.

64.7.4 **Proġett –Pjazza Tolfa -** Is-Sindku għamel referenza għal fatt li l-mosaic huwa lest u qed nistennew l-kuntrattur jiġi jibda xogħol tal-qafas ta' taħt l-bankijiet. Fadal ukoll il-cladding tal-injam mat-tisqifa tan-nofs (green canopy).

64.7.5 **Proġett –Librerija u ċentru marittimu -** Dan il-proġett huwa lest u inawgurat u qed jiffunzjona tajjeb ħafna.

64.7.6 **Proġett – Public Convenience -** Is-Sindku spjega li x-xogħol fuq dan il-progett huwa wkoll miexi u it-taraġ ta' barra jinsab lest. Il-madum huwa imwaħħal u l-qafas tal-ħadid tas-saqaf huwa lest ukoll. Jonqos aktar xogħol minn Richard Cauchi qabel ma jeħlu l-bibien u aluminium.

64.7.7 **Proġett – Belveder Triq Qigħan -** Is-Sindku spjega kif finalment Il-proġett huwa lest. Jonqos biss li l-Enemalta tixgħel id-dawl u jsiru l-parking bays.

64.7.8 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.** Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li kif pjanat, il-fanali twaħħlu u inxtegħl. Jifdal issa li ix-xogħol tal-kuntrattur Mark Attard fuq il-pavimentar u bollards jinbeda.

64.7.9 **Proġett – Ġnien quddiem l-iskola Primarja -** Qed nistennew l-kuntrattur Mark Attard sabiex jiffirma l-kutratt u jibda x-xoghol.

64.7.10 **Proġett – Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra -** Qed nistennew l-kuntrattur Road Construction Ltd sabiex jiġi sabiex jibda x-xogholijiet.

64.7.11 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi - Is-Sindku spjega kif wara hafna konsultazzjonijiet, it-** Tender document jinsab lest u vvetjat u wasal biex jiġi ippublikat fil-ġranet li jmiss.

64.7.12 **Proġett – Bini Arkata** Is-Sindku spjega kif ġie suġġerit li ndaħħlu lil Eko-Għawdex bħala partners sabiex niksbu 100% tal-fondi neċċċessarji mid-DPF minflok 80%. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil dan id-Direttorat għal dan il-ftehim.

64.7.13 **Proġett – Ġnien Brieghħen mal-Kunsill tax-Xewkija -** Il-Kunsill tax-Xewkija applika għal DNO mal-Planning Authority

**64.8 Attivita' ta' Festa Roti 2024**

64.8.1 Is-Sindku ħabbar li d-data maqbula mal-Għaqda RUST għal din l-attivita' hija s-27 t'April 2024. Għal din l-attivita' l-Kunsill ingħata s-somma ta' €3000 mill-Ministeru għal Għawdex. Bħala programm ta' attivitajiet ser jitħalla f'idejn l-Għaqda.

### 64.9 Evalwazzjoni Tender Latrini Automated

64.9.1 Il-Kunsill hatar il-Bord tal-Evalwazzjoni ghat-Tender tal-Latrini Automated. Il-Kunsill qabel li l-Bord għandu jkun kompost mis-Sur William Sultana, l-Inginier Mario Cauchi, l-Avukat Joshua Grech, is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Sar qbil li rridu niċċekjaw jekk l-offerta hix over budget.

### 64.10 Kuntratt tal-Ftehim dwar il-Misraħ tal-Knisja u Pjazza

64.10.1 Is-Sindku Kevin Cauchi preżenta d-draft tal-Memorandum ta' Ftehim provdut mill-Kurja wara konsultazzjoni magħha. Dan id-draft agreement huwa maqbul mill-partijiet kollha tal-Kurja.

64.10.2 Is-Sindku qara d-draft. Bħala punti l-kurja qablet li tiffirma magħna għad-DPF biex inkunu nistgħu nieħdu l-100% tad-DPF. Ix-xogħolijiet jikkonsistu f'pavimentar, dwal, bankijiet u sar qbil li fil-preżent naslu sa ħdejn ir-Radju.. L-agreement irid ikun jinkludi wkoll pjanta. Iz-zuntier għandu jibqa spazju miftuħ u ta' mistrieħ għall-pubbliku. Ma jistgħux isiru attivitajiet politiċi. Il-proġett għandu jissejjaħ Iz-Zuntier Misraħ tal-Knisja fi Pjazza Madonna ta' Loretu. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma l-kontenut tad-draft u jinforma lill-Kurja b'dan u nitolbu appuntament għall-iffirmar tiegħu.

64.10.3 Il-Kunsill esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal qbil ta' dan il-pass storiku.

### 64.11 Applikazzjonijiet għall-Skemi Ġodda

64.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għadda dawn l-iskemi ppublikati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għad-diskussjoni:-

64.11.2 SPI/SCI/01/2024 –Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-Lokalitjiet madwar Malta u Għawdex . Il-Kunsill qabel li ma ghandux japplika ghal din l-iskema.

64.11.3 SPI/SCI/02/2024 -Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi - Il-Kunsill qabel li ghandu japplika sabiex jaghmel rinovazzjoni tal-Ġnien ta' quddiem il-Kunsill biex isebbhu u jaghmlu accessibli ghall-persuni b'dizabilita'. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghall-ammont massimu ta' €45,000.

64.11.4 SPI/SCI/03/2024 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa - Sar qbil li ghandna nkabbru l-kampanja ta' tindif u riciklagg billi naghmlu kampanja edukattiva tas-separazzjoni tal-iskart u nqassmu boroz tar-riciklagg f'kull dar, u wkoll naghmlu attivita' ta' cleanup anke permezz ta' upsailing. Jista jiħu nvoluti wkoll l-għaqdiet jew team tal-football tan-nursusry u ntuhom flokk b'messaġġ tal-okażżjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghall-ammont massimu ta' €1500.

64.11.5 SPI/SCI/04/2024 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali - Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jiddiskuti din l-applikazzjoni fil-laqghat li jmiss.

64.11.6 SPI/SCI/05/2024 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 - Sar qbil li ghandna napplikaw ghall-ammont massimu ta' €20,00 fuq l-attivitajiet u tizjin tal-Milied f'Ghajnsielem inkluz Bethlehem f'Ghajnsielem bhala: Għajnsielem - Destinazzjoni tal-Milied.

64.11.7 Is-Sindku għamel referenza wkoll MGP Scheme għal Kunsilli Lokali Ghawdxin ta' restawr ta' niċeċ sa massimu ta' €15,000 u sqaqien sa' massimu ta' €75,000. Is-Sindku propona li jew napplikaw għat-tisbiħ ta' Sqaq Hamri li jagħti għat-taraġ ta' Bejlikk jew inkella lill-passaġġ li mill-Grand Hotel iwassal sax-Xatt.

**64.12 Skema CIES.**

64.12.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-iskema SPI/SCI/06/2024 - Tnedija mill-ġdid tal-Community Inclusive Employment Scheme (CIES) fejn propona li għandna napplikaw għal din l-iskema għall-full-time handyman peress li peress li huwa tant meħtieġ speċjalment għax-xogħolijiet konnessi mal-attivitajiet kbar li norganizzaw minn żmien għal żmien.

64.12.2 Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandu japplika minnufih għal din l-iskema. Sar qbil ukoll li jħallas il-parti tal-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali u f'każ li jkun hemm bżonn li l-impjegat jaħdem siegħat żejda oltre min dawk stabbiliti fil-kuntratt tal-impjieg, dawn għadhom ukoll jiġu mħallsa mill-Kunsill Lokali.

**64.13 Fuljett – Hidmet din il-leġislatura**

64.13.1 Is-Sindku Kevin Cauchi propona li bħalma jsir f'kull tmiem il-leġislatura, jiġi ppublikat ktejjeb b'ħidmet il-Kunsill. Is-Sindku għalhekk stieden lill-kunsilliera jagħmlu l-messagg tagħhom biex jiġi ppublikat.

**64.14 Harġiet għall-anzjani**

64.14.1 Sar qbil li nhar l-1 ta' April għandha tiġi organizzata ħarġa tal-Għid ghall-anzjani f'Għajnsielem stess billi tibda bi żjara nformattiva fil-Librerija u Ċentru Marittimu, quddiesa u wara tombla u ikel fil-Club tal-Football.

64.14.2 Sar qbil ukoll li fit-13 ta' Mejju għandha ssir ħarġa oħra għall-anzjani fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm billi ssir żjara u tombla u ikel f'Dar San Ġużepp Għajnsielem.

**64.15 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

64.15.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 130.

**64.16 Materji oħra**

64.16.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskuss.

**64.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

64.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:30 ta' filgħaxija.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**